

Brussell, 14 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

9728/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0181 (NLE)

ECOFIN 534
CADREFIN 95
UEM 139
FIN 594

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Polonja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta'...

dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Polonja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

Billi:

- (1) Il-kriżi kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt ta' tfixkil fuq l-ekonomija tal-Polonja. Fl-2019, il-prodott domestiku gross (PDG) *per capita* tal-Polonja kien ta' 44,3 % tal-medja tal-Unjoni. Il-PDG reali tal-Polonja naqas bi 2,2 % fl-2020 u żdied bi 3,6 % b'mod kumulattiv fl-2020 u fl-2021. Aspetti fit-tul b'impatt fuq il-prestazzjoni ekonomika fuq terminu medju jinkludu livelli baxxi ta' investiment privat u innovazzjoni, nuqqas sinifikanti ta' ħaddiema u ħiliet fl-ekonomija, u ambjent regulatorju imprevedibbli u ta' piż.

- (2) Fid-9 ta' Lulju 2019 u fl-20 ta' Lulju 2020, il-Kunsill indirizza rakkomandazzjonijiet lill-Polonja fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, il-Kunsill irrakkomanda li l-Polonja tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tindirizza l-impatt ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19 b'mod effettiv, filwaqt li tiġi salvagwardjata s-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju; ittejjeb l-effiċjenza tan-nefqa pubblika; u ttejjeb ir-reżiljenza, l-aċċessibbiltà u l-effettività tas-sistema tas-saħħa. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li l-Polonja tieħu azzjoni biex: tiżgura l-adegwatezza tal-benefiċċji tal-pensjoni futuri u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet; iżżid il-parteciġipazzjoni fis-suq tax-xogħol billi ttejjeb l-aċċess għall-indukrar tat-tfal u għall-kura fit-tul; tneħħi l-ostakli li fadal għal tipi ta' impjeg aktar permanenti, filwaqt li ssaħħa l-arranġamenti għal xogħol flessibbli u b'ħinijiet iqsar; tindirizza aħjar il-benefiċċji soċjali; trawwem edukazzjoni u ħiliet ta' kwalità, speċjalment permezz tal-apprendiment għall-adulti; ittejjeb il-ħiliet diġitali; u tkompli tippromwovi t-trasformazzjoni diġitali. Barra minn hekk, il-Kunsill irrakkomanda li l-Polonja tieħu azzjoni biex issaħħa il-kapaċità innovattiva tal-ekonomija; u li tikkonċentra investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq l-infrastruttura diġitali, il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija, u t-trasport sostenibbli, b'kontribuzzjoni għal dekarbonizzazzjoni progressiva tal-ekonomija, waqt li jitqiesu d-disparitajiet reġjonali. Minbarra dan, il-Kunsill irrakkomanda li l-Polonja tieħu azzjoni biex tiżgura aċċess għal finanzjament u likwidità għall-kumpaniji u trawwem l-irkupru ekonomiku permezz ta' frontloading ta' proġetti ta' investiment pubbliku maturi u tippromwovi investiment privat. Finalment, il-Kunsill irrakkomanda li l-Polonja tieħu azzjoni biex ittejjeb l-ambjent regolatorju, b'mod partikolari billi jissaħħa ir-rwol tal-konsultazzjonijiet tas-sħab soċjali u l-konsultazzjonijiet pubbliċi fil-proċess leġiżlattiv, kif ukoll li tissaħħa il-klima tal-investiment billi tiġi salvagwardjata l-indipendenza ġudizzjarja. Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fid-data tal-preżentazzjoni mill-Polonja tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (recovery and resilience plan, RRP) tagħha, il-Kummissjoni tikkonstata li r-rakkomandazzjonijiet biex jiġi indirizzat b'mod effettiv l-impatt ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19 ġew implimentati b'mod sħiħ.

- (3) Fit-3 ta' Mejju 2021, il-Polonja ppreżentat l-RRP nazzjonali tagħha lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Din il-preżentazzjoni segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas ġuridiku nazzjonali, bl-involviment ta' awtoritajiet lokali u reġjonali, sħab soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn. Is-sjieda nazzjonali tal-RRPs tal-Istati Membri tirfed l-implimentazzjoni b'suċċess u l-impatt dejjiemi tagħhom fil-livell nazzjonali u l-kredibbiltà fil-livell Ewropew. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP tal-Polonja, f'konformità mal-linji gwida ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament.
- (4) L-RRPs tal-Istati Membri jenħtieġ li jsegwu l-oġettivi ġenerali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 (il-“Faċilità”) u tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094¹ sabiex isostnu l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19. Huma jenħtieġ li jippromwovu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jikkontribwixxu għas-sitt pilastri msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (5) L-implimentazzjoni tal-RRPs tal-Istati Membri se tikkostitwixxi sforz ikkoordinat li jinvolvi riformi u investimenti fl-Unjoni kollha. Permezz ta' implimentazzjoni kkoordinata u simultanja tagħhom, u l-implimentazzjoni ta' proġetti transfruntieri u multinazzjonali, dawn ir-riformi u l-investimenti se jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku u jgħibu effetti konsegwenzjali pożittivi fl-Unjoni. Approssimament madwar terz tal-impatt tal-Faċilità fuq it-tkabbir u l-ħolqien tax-xogħol tal-Istati Membri se jiġi minn spillovers minn Stati Membri oħrajn.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I , 22.12.2020, p. 23).

Rispons ibbilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastri

- (6) F'konformità mal-Artikolu 19(3), punt (a), u l-kriterju 2.1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP tal-Polonja jirrappreżenta fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jqis l-isfidi speċifiċi għall-Polonja u l-allokazzjoni finanzjarja għaliha.
- (7) L-RRP tal-Polonja jipprevedi sett ibbilanċjat ta' riformi u investimenti li jindirizzaw kemm l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 kif ukoll l-isfidi strutturali ewlenin li l-Polonja qed taffaċċja. Jippreżenta strateġija għall-promozzjoni ta' ekonomija aktar kompetittiva u reżiljenti, insostenn tat-tkabbir ekonomiku b'mod konformi mal-prijoritajiet diġitali u klimatiċi tal-Unjoni u b'żieda tal-kwalità tal-ħajja fil-Polonja, b'mod partikolari permezz ta' investimenti f'sorsi ta' enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, fil-mobilità sostenibbli, fil-kura tas-saħħa, fit-teknoloġiji diġitali, u fir-riċerka u l-innovazzjoni. L-RRP tal-Polonja jiffoka fuq sitt oqsma ta' politika ewlenin: it-tranżizzjoni ekoloġika, id-diġitalizzazzjoni, is-saħħa, il-kompetittività u l-innovazzjoni, it-trasport sostenibbli, u l-kwalità tal-istituzzjonijiet.

- (8) It-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija huma fil-qalba tar-rispons politiku tal-Polonja. Ir-riformi u l-investimenti ekoloġiċi previsti għandhom l-għan li jżidu l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, inkluż l-enerġija fuq l-art, lil hinn mill-kosta u mill-fotovoltajċi, grilji intelliġenti u l-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u l-effiċjenza fl-enerġija, itejbu l-kwalità tal-arja u jiżviluppaw trasport sostenibbli. Ir-riformi u l-investimenti diġitali jiffukaw fuq l-infrastruttura tal-broadband, b'mod partikolari f'żoni rurali, l-iżvilupp ta' servizzi elettroniċi, inkluż fis-sistema tal-kura tas-saħħa, titjib tal-kompetenzi elettroniċi fl-edukazzjoni u fit-taħriġ u tisħiħ taċ-ċibersigurtà nazzjonali.
- (9) L-RRP tal-Polonja jinkludi għadd ta' miżuri rilevanti biex jitjiebu l-ambjent tan-negozju u l-klima tal-investment fil-Polonja. Ir-riformi previsti għandhom l-għan li jnaqqsu l-piż amministrattiv u regolatorju fuq in-negozji u, li jtejbju l-ġestjoni tal-finanzi tal-gvern, kif ukoll li jsaħħu r-rwol tal-konsultazzjonijiet pubbliċi fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet, li mistenni li jtejjeb il-kwalità u l-istabbiltà regolatorja. L-RRP tal-Polonja għandu l-għan ukoll li jgħolli l-istandard ta' ċerti aspetti tal-protezzjoni ġudizzjarja, u b'hekk jikkontribwixxi għat-titjib tal-klima tal-investment. It-tkabbir intelliġenti u sostenibbli mistenni jinkiseb ukoll permezz ta' diversi miżuri fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni, u b'titjib tad-disseminazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

- (10) L-RRP tal-Polonja jikkontribwixxi għall-indirizzar ta' għadd ta' sfidi sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni territorjali u soċjali, primarjament permezz ta' sforzi biex jiġi mmodernizzat u jiżdied l-aċċess għall-kura fl-isptarijiet, billi jiġu indirizzati l-isfidi tas-suq tax-xogħol permezz ta' titjib fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u fit-tagħlim tul il-ħajja, u fl-aħħar nett permezz ta' investimenti fit-trasport. L-RRP tal-Polonja jinkludi wkoll diversi miżuri li huma mistennija li jsaħħu r-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa u dik soċjali, pereżempju permezz ta' riformi fl-isptarijiet, sforzi biex jiġu indirizzati s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u l-kura fit-tul, u investimenti fl-akkomodazzjoni soċjali. Fl-aħħar nett, parti sinifikanti mill-RRP tal-Polonja hija ddedikata għall-politiki tal-ġenerazzjoni li jmiss, b'mod partikolari fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u tat-titjib tar-rilevanza tal-ħiliet għas-suq tax-xogħol.

Indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

- (11) F'konformità mal-Artikolu 19(3), punt (b), u l-kriterju 2.2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP tal-Polonja huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti ta' tagħhom (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Polonja, inklużi l-aspetti fiskali ta' tagħhom, jew l-isfidi identifikati f' dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

- (12) Ir-rakkomandazzjonijiet relatati mar-rispons immedjat tal-politika fiskali tal-COVID-19 għall-pandemija u r-rakkomandazzjoni biex jinkiseb l-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2020 jistgħu jitqiesu li jaqgħu barra mill-ambitu tal-RRP tal-Polonja minħabba li l-perjodu baġitarju korrispondenti ntemm, imma l-Polonja ġeneralment wieġbet b'mod adegwat u suffiċjenti għall-ħtieġa immedjata li tappoġġa l-ekonomija permezz ta' mezzi fiskali fl-2020 u fl-2021, f'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (13) L-RRP tal-Polonja jinkludi ġabra vasta ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin u li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti tagħhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Polonja mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew fl-2019 u l-2020, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-investimenti meħtieġa fid-diġitalizzazzjoni u fit-tranżizzjoni ekoloġika, kif ukoll iż-żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u r-rilevanza tas-sistema tal-edukazzjoni u tat-taħriġ għas-suq tax-xogħol.
- (14) Fis-settur tal-enerġija huma mistennija riformi u investimenti sinifikanti insostenn tal-produzzjoni u tal-użu ta' enerġija rinnovabbli u karburanti alternattivi, biex titjieb l-effiċjenza fl-enerġija u biex l-ekonomija tiġi adattata għat-tibdil fil-klima. Il-miżuri li jinsabu fl-RRP tal-Polonja mistennija jikkontribwixxu biex itejbu l-kapaċità innovattiva tal-ekonomija Pollakka, biex din timxi 'l quddiem fil-katina tal-valur, u jaċċelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali billi jappoġġaw aktar awtomatizzazzjoni, l-iżvilupp u d-diffużjoni ta' teknoloġiji ambjentali u kooperazzjoni msaħħa bejn ix-xjenza u l-industrija.

- (15) Il-miżuri jirrispondu wkoll għall-impatt u r-riskji mill-pandemija tal-COVID-19 fil-qasam tal-kura tas-saħħa kif ukoll għall-isfidi preeżistenti ffaċċjati mis-sistema tal-kura tas-saħħa Pollakka, b'mod partikolari b'riforma tal-isptarijiet pubbliċi li tiżgura titjib fl-aċċessibilità, fl-effettività u fl-effiċjenza tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul, fl-iżvilupp ta' servizzi tas-saħħa diġitali, u fl-appoġġ għas-settur farmaċewtiku u għal riċerka u analiżi tax-xjenza medika speċjalizzata. Tali riforma x'aktarx li jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa, b'mod partikolari fid-dawl tat-tagħlimiet meħuda mill-pandemija u tal-importanza tal-aċċess għall-provvista tal-mediċini.
- (16) L-RRP tal-Polonja jippreżenta rispons ibbilanċjat għar-rakkomandazzjonijiet biex jittejbu l-ħiliet diġitali u tiġi promossa t-trasformazzjoni diġitali tal-kumpaniji u tal-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll tal-iskejjel u l-edukazzjoni vokazzjonali. L-RRP jippromwovi l-ħiliet diġitali għal diversi gruppi tal-popolazzjoni u għandu l-għan li jistabbilixxi l-governanza tal-iżvilupp ta' ħiliet diġitali fil-Polonja. F'dak li għandu x'jaqsam mat-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika, sensiela ta' proġetti u bidliet leġiżlattivi huma mistennija jipromwovu d-diġitalizzazzjoni tal-proċessi amministrattivi, li min-naħa tagħha hija mistennija li tagħti spinta lid-diġitalizzazzjoni tal-kumpaniji. Investimenti sostanzjali f'integrazzjoni aħjar tat-Teknoloġiji tal-Infurmazzjoni u tal-Komunikazzjoni fl-iskejjel huma mistennija li jtejbu t-tagħlim u l-apprendiment, kif ukoll li jappoġġaw ir-reżiljenza u l-inklużjoni diġitali fl-edukazzjoni. L-RRP tal-Polonja jikkontribwixxi wkoll għall-indirizzar ta' sfidi importanti biex titjeb ir-rilevanza tal-ħiliet għas-suq tax-xogħol u jiżdied it-tagħlim għall-adulti b'miżuri mmirati, b'mod partikolari bil-ħolqien ta' ċentri settorjali tal-ħiliet, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-setturi ekonomiċi u akkumpanjat minn riformi biex dawn jiddaħħlu fis-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. B'enfasi fuq il-ħiliet diġitali u ekoloġiċi, dawn l-isforzi mistennija jikkontribwixxu għal tqabbil aħjar tal-edukazzjoni u t-taħriġ mal-ħtiġijiet tal-ekonomija moderna.

- (17) L-RRP tal-Polonja jinkludi azzjonijiet li għandhom l-għan li jindirizzaw l-isfidi tas-sostenibbiltà tat-trasport b'miżuri speċifiċi biex tittejjeb is-sikurezza tat-toroq, id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-elettromobbiltà u tat-trasport li jaħdem bl-idroġenu, il-mobbiltà urbana sostenibbli, il-bidla modali lejn il-ferroviji, u t-trasport intermodali. Riforma fis-sikurezza fit-toroq u investimenti marbut magħha għandhom l-għan li jipromwovu l-infurzar tar-regoli tas-sikurezza u l-protezzjoni ta' persuni vulnerabbli, b'hekk itejbu l-progress lejn il-mira tal-Polonja li sal-2030 jitnaqqas l-għadd ta' mwiet u korrimenti serji minn aċċidenti tat-traffiku b'50 %¹. Id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq mistennija li tiġi promossa permezz ta' inċentivi għal vetturi b'emissjonijiet zero u miżuri fiskali jew finanzjarji konformi mal-prinċipju "ta' min iniġġes iħallas", u b'investimenti fit-trasport pubbliku nadif b'enfasi fuq il-mobbiltà urbana sostenibbli. Ir-riformi u l-investimenti fil-ferroviji huma ffukati fuq it-taqsimiet tat-TEN-T u l-vetturi ferrovjarji b'emissjonijiet zero mgħammra bis-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju, kif ukoll il-promozzjoni ta' biljetti elettroniċi uniċi.
- (18) L-RRP tal-Polonja jinkludi wkoll miżuri li għandhom l-għan li jindirizzaw l-isfidi relatati mal-adeqwatezza tal-benefiċċji tal-pensjoni u mas-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet, kif ukoll ma' sfidi marbuta mal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u mas-segmentazzjoni. Dawn għandhom jiġu indirizzati billi jiżdiedu l-kwalità u d-disponibbiltà tal-indukrar tat-tfal, b'analiżi u riforma sussegwenti biex jittejbu l-politiki tal-kura fit-tul, b'inċentivi tat-taxxa biex jittawlu l-karrieri u tiżdied l-età effettiva tal-irtirar, u permezz ta' riforma biex tiżdied il-protezzjoni soċjali taħt diversi kuntratti ta' xogħol.

¹ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2017 dwar is-sikurezza fit-toroq - li japprovaw id-Dikjarazzjoni ta' Valletta ta' Marzu 2017.

- (19) Fl-aħħar nett, l-RRP tal-Polonja mistenni li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mal-klima tal-investment, b'mod partikolari fir-rigward tas-sistema ġudizzjarja Pollakka u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tat-tfassil tal-liġijiet. Ir-riformi għandhom l-għan li jtejbju l-proċess leġiżlattiv, primarjament b'titjib tal-użu ta' konsultazzjonijiet pubbliċi u valutazzjonijiet tal-impatt fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet biex jiżguraw involviment aktar strutturali tal-partijiet ikkonċernati u l-esperti fit-tfassil tal-liġijiet. Barra minn hekk, l-RRP għandu l-għan li jsaħħaħ l-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati. Huwa għandu wkoll l-għan li jirrimedja s-sitwazzjoni tal-imħallfin affettwati mid-deċiżjonijiet tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema Pollakka f'kawżi dixxiplinari u kawżi ta' immunità ġudizzjarja, bil-għan li jerġgħu jinħatru wara proċedimenti pożittivi ta' sħarriġ mill-Awla l-ġdida, li jridu jitwettqu mingħajr dewmien.

Kontribuzzjoni għall-potenzjal tat-tkabbir, għall-ħolqien tal-impjiegi u għar-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

- (20) F'konformità mal-Artikolu 19(3), punt (c) u mal-kriterju 2.3 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP tal-Polonja huwa mistenni li jkollu impatt kbir (Klassifikazzjoni A) fuq it-tiżiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Polonja, filwaqt li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġħ, u fuq il-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk itejjeb il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni.

- (21) Simulazzjonijiet mis-servizzi tal-Kummissjoni juru li l-RRP tal-Polonja, flimkien mal-miżuri l-oħra taħt l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru, għandu l-potenzjal li jżid il-PDG tal-Polonja b' 1,1 % sa 1,8 % sal-2026, bl-esklużjoni tal-impatt pożittiv possibbli tar-riformi strutturali, li jista' jkun sostanzjali. L-investimenti pubbliċi mistennija li jagħtu spinta lid-domanda aggregata fuq perjodu ta' żmien qasir sa medju, itejbu l-pożizzjoni ċiklika tal-ekonomija Pollakka u b'hekk jikkontribwixxu għal irkupru rapidu. L-enfasi tal-investimenti fuq id-diġitalizzazzjoni, l-infrastruttura sostenibbli, u proġetti tal-enerġija rinnovabbli hija partikolarment favorevoli f'dan ir-rigward, b'appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u s-sostenibbiltà fit-tul tal-ekonomija.
- (22) Fuq perjodu medju u twil, l-investimenti pubbliċi, flimkien mar-riformi ppjanati, mistennija jindirizzaw l-isfidi attwali b'rabta mal-potenzjal tat-tkabbir u jiżviluppaw il-kapaċità ta' innovazzjoni tal-ekonomija. Dak mistenni li jgħin lill-kumpaniji Pollakki javvanzaw fil-ktajjen tal-valur globali. Għaldaqstant, l-implimentazzjoni tal-RRP tal-Polonja hija mistennija li tgħolli l-kwalità tal-produzzjoni potenzjali u li jkollha impatt deġġiem fuq il-prestazzjoni ekonomika tal-Polonja. Il-parti l-kbira ta' dak l-effett fit-tul jirriżulta minn miżuri li jżidu l-kompetittività tal-ekonomija Pollakka, billi jtejbu l-iżvilupp u d-diffużjoni tal-innovazzjoni, itejbu l-kwalità tar-regolamentazzjoni, u jappoġġaw in-negozji, b'mod partikolari l-SMEs.

- (23) L-RRP tal-Polonja jinkludi miżuri li għandhom l-għan li jtejbu r-reżiljenza tas-suq tax-xogħol, billi jtejbu l-kwalità u l-adekwatezza tal-funzjonament tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol, billi jiġu avviciinati u attivati l-ħaddiem akbar fl-età jew persuni minn gruppi żvantaġġati permezz ta' programmi ta' kisba ta' ħiliet u taħriġ mill-ġdid, bil-promozzjoni ta' forom flessibbli ta' impjieg, b'kontribuzzjoni għat-titjib tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol permezz ta' forom aktar flessibbli ta' impjieg, inkluż ix-xogħol remot, u b'żieda tal-aċċess u tal-kwalità tal-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal. L-RRP tal-Polonja jipprevedi wkoll inċentivi għall-ħaddiema biex wieħed jibqa' attiv fis-suq tax-xogħol wara li jilħaq l-età statutorja tal-irtirar. Dawn l-azzjonijiet huma konformi mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali biex jiġi appoġġat it-tkabbir inklużiv. Mistennija jsiru sforzi biex titjeb ir-rilevanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ għas-suq tax-xogħol permezz ta' tisħiħ tal-iżvilupp tal-kapital uman u titjib tat-tqabbil tal-ħiliet u l-kwalifiki meħtieġa mis-suq tax-xogħol, inkluż fil-kuntest ta' teknoloġiji ġodda. Il-politika tad-diġitalizzazzjoni għall-edukazzjoni mistennija li tikkontribwixxi għat-tnejjija tat-tfal u taż-żgħażaġh għas-soċjetà tal-informazzjoni. Il-miżuri ddedikati jirrigwardaw it-tisħiħ tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, it-tagħlim tul il-ħajja u l-appoġġ lill-iskejjel biex iħejju għat-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika, u l-koordinazzjoni tal-politiki reġjonali tal-edukazzjoni u tat-taħriġ biex jiġi żgurat li l-partijiet kollha tal-pajjiż jadattaw għall-ħtiġijiet moderni tas-suq tax-xogħol.

- (24) L-RRP tal-Polonja jinkludi diversi interventi biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali permezz ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh. Ir-riformi u l-investimenti huma mistennija jtejbu l-aċċess għall-indukrar tat-tfal ta' kwalità għat-tfal taħt l-età ta' tliet snin, u jipromwovu l-iżvilupp tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni għolja u l-apprendiment tul il-ħajja permezz tal-istabbiliment ta' ċentri tal-ħiliet settorjali u koordinazzjoni aħjar tal-politiki tal-ħiliet. Barra minn hekk, l-RRP jiffoka fuq il-modernizzazzjoni tal-iskejjel, inkluż billi jistabbilixxi laboratorji tax-xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika (STEM), li mistenni li jiżgura adattament kontinwu għall-isfidi attwali tal-apprendiment, b'mod partikolari d-diġitalizzazzjoni.
- (25) Miżuri biex jitrawmu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali huma mistennija li jagħmlu l-ekonomija Pollakka aktar innovattiva u sostenibbli u jwasslu għar-reżiljenza soċjali billi jnaqqsu d-distakk bejn iż-żoni urbani u dawk rurali. B'mod partikolari, l-investimenti fl-iżvilupp ta' infrastruttura tan-network huma mistennija li jkopru l-lakuni ("white spots") fl-aċċess għall-broadband u l-iżvilupp tat-teknoloġija 5G f'żoni rurali. L-investimenti fit-trasport urban sostenibbli huma mistennija li jaċċelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika tal-bliet billi jimplimentaw pjanijiet ta' mobbiltà urbana sostenibbli u jiżviluppaw trasport pubbliku b'emissjonijiet zero fil-bliet u fil-livell reġjonali. Investimenti f'materjal fuq ir-roti b'emissjonijiet baxxi jew zero għall-konnessjonijiet tax-xarabanks f'żoni b'aċċessibilità baxxa għat-trasport mistennija li jgħinu biex ir-reġjuni remoti jiġu konnessi ma' ċentri ta' attività ekonomika.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (26) F'konformità mal-Artikolu 19(3), punt (d), u mal-kriterju 2.4 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP tal-Polonja huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inklużi f' dak l-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali (Klassifikazzjoni A) fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).

¹ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

(27) Il-Polonja wettqet valutazzjoni tal-miżuri stipulati fl-RRP tagħha f'konformità mal-gwida teknika pprovduta mill-Avviż tal-Kummissjoni intitolat "Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta' "ma tagħmilx ħsara sinifikanti" taħt ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reziljenza¹. ". Kwalunkwe -impatt ambjentali potenzjalment dannuż ta' tali miżuri rilevanti mistenni li jiġi indirizzat permezz ta' stadji importanti u l-miri rilevanti, filwaqt li jiġi żgurat li jintlaħqu l-kriterji ambjentali applikabbli. L-investimenti fil-koġenerazzjoni mħaddma bil-gass u s-sostituzzjoni tas-sors tas-šana mistennija li jissodisfaw il-limiti tal-intensità tal-gassijiet serra speċifikati f'dik il-gwida teknika. L-investimenti fit-teknoloġiji tal-idroġenu mistennija jikkonformaw mal-livell limitu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbilit fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139². L-ghajjnuna għall-installazzjoni ta' bojlers li jaħdmu bil-gass mistennija tingħata bħala parti minn programmi usa' ta' rinnovazzjoni. Il-vetturi tat-triq u l-ferroviji mistennija jkunu soġġetti għal rekwiżiti stretti tal-effiċjenza tal-karburanti. Dawn ir-rekwiżiti huma riflessi fi stadji importanti u miri għall-miżuri rispettivi.

¹ ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139 tal-4 ta' Ġunju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li fihom attività ekonomika tikkwalifika bħala attività li tikkontribwixxi sostanzjalment għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u sabiex jiġi ddeterminat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-oġġettivi ambjentali l-oħra (ĠU L 442, 9.12.2021, p. 1).

- (28) Ingħatat attenzjoni partikolari lill-miżuri li l-impatt tagħhom fuq l-objettivi ambjentali jimmerita skrutinju mill-qrib. Għall-miżuri li jinvolvu l-appoġġ għal miżuri ta' ġestjoni tal-ilma fiż-żoni rurali, il-Polonja mistennija li tiffavorixxi soluzzjonijiet reżiljenti għat-tibdil fil-klima u bbażati fuq in-natura. Il-Polonja mistennija tiżgura wkoll li ma ssirx ħsara sinifikanti lill-ambjent billi kwalunkwe investment li jħalli impatt sinifikanti fuq l-istatus tal-korpi tal-ilma jew effetti negattivi fuq in-natura jiġi eskluż minn tali appoġġ. Dan għandu l-għan b'mod partikolari li jiġi evitat kwalunkwe impatt sinifikanti fuq il-korpi tal-ilma rilevanti li jista' jipperikola jew idewwem l-objettiv li jintlaħaq stat tajjeb. Għandu wkoll l-għan li jiżgura li l-ħabitats u l-ispeċijiet protetti ma jiġux affettwati b'mod negattiv mill-miżuri.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità

- (29) F'konformità mal-Artikolu 19(3), punt (e), u mal-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP tal-Polonja fih miżuri li jikkontribwixxu bi kbir (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-bijodiversità, jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 42,7 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament, l-RRP huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.

- (30) Ir-riformi u l-investimenti fis-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, bl-għan partikolari li jżidu b'mod sinifikanti l-kapaċità tar-riħ fuq l-art u tal-fotovoltajċi, ineħħu l-ostakli regolatorji għall-iżvilupp ta' kapaċità tar-riħ ġdida fuq l-art, u li jżviluppaw il-kapaċità tar-riħ lil hinn mill-kosta, it-teknoloġiji tal-idroġenu u l-fjuwils alternattivi, huma mistennija li jgħinu lill-Polonja tilħaq l-oġġettivi tagħha dwar il-klima u l-enerġija għall-2030 fid-dawl tat-tranżizzjoni fit-tul tagħha lejn ekonomija newtrali għall-klima. Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika fl-RRP tal-Polonja, inkluż programm ambizzjuż ta' rinnovazzjoni tal-bini, flimkien ma' eliminazzjoni gradwali tal-appoġġ pubbliku għall-ħiters tal-faħam individwali, kif ukoll skema ta' dekarbonizzazzjoni tal-industrija, ukoll huma mistennija li jgħinu b'mod sinifikanti lill-Polonja tilħaq il-miri tagħha tal-klima u l-enerġija. Pakkett komprensiv ta' riformi u investimenti fit-trasport mistenni jappoġġa l-elettromobbiltà, it-trasport pubbliku nadif tal-passiġġieri, il-bidla modali lejn ferroviji b'emissjonijiet zero, it-trasport intermodali tal-oġġetti, u s-sikurezza fit-toroq.
- (31) Ir-riformi u l-investimenti relatati mal-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma fiż-żoni rurali huma mistennija jindirizzaw l-isfidi li qed tiffaċċja l-Polonja fir-rigward tal-adattament għall-klima u għaż-żamma baxxa tal-ilma u n-nuqqas ta' ilma, inkluż in-nuqqas ta' ilma tajjeb għax-xorb. Tali riformi u investimenti huma mistennija li jikkontribwixxu għaż-żieda fil-bijodiversità u l-kapaċità ta' adattament taż-żoni rurali għall-effetti tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari n-nixfa. Il-miżuri għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jistgħu jkunu wkoll ta' benefiċċju għall-preservazzjoni tal-bijodiversità, billi huma mistennija li jiddependu fuq soluzzjonijiet li jirrestawraw il-bijodiversità.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (32) F'konformità mal-Artikolu 19(3), punt (f) u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP tal-Polonja fih miżuri li jikkontribwixxu fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 21,3 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (33) Ir-riformi u l-investimenti fl-amministrazzjoni, fl-ekonomija u fis-soċjetà previsti fl-RRP tal-Polonja huma mistennija li jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni diġitali tal-Polonja. Dawk jinkludu t-titjib tal-konnettività, l-aġġornament tal-liġijiet u l-infrastrutturi tas-sistemi tal-amministrazzjoni pubblika, l-introduzzjoni ta' fatturazzjoni elettronika strutturata u titjib sinifikanti tas-sistemi taċ-ċibersigurtà fil-gvern u fis-setturi ekonomiċi kruċjali. It-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika hija mistennija tinċentiva s-settur privat biex jagħti spinta lit-trasformazzjoni diġitali tal-kumpaniji.
- (34) Ir-riformi u l-investimenti previsti fil-qasam tal-edukazzjoni u tat-taħriġ ġenerali u vokazzjonali, tal-ħiliet u tat-tagħlim tul il-ħajja mistennija jippromwovu ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol u jiffaċilitaw it-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika, waqt li jnaqqsu d-distakk diġitali b'aċċess aktar ugwali għall-infrastruttura, għat-tagħmir u għall-ħiliet diġitali fl-iskejjel u fost il-popolazzjoni. Huma mistennija jikkontribwixxu wkoll għal diġitalizzazzjoni akbar tas-sistema edukattiva u l-iżvilupp ta' ħiliet diġitali tal-għalliema, tal-impjegati taċ-ċivil, taċ-ċittadini b'litteriżmu diġitali insuffiċjenti u tal-gruppi żvantaġġati jew persuni f'riskju ta' esklużjoni soċjali.

Impatt dejjiemi

- (35) F'konformità mal-Artikolu 19(3), punt (g) u mal-kriterju 2.7 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP tal-Polonja huwa mistenni li jkollu impatt dejjiemi fuq dak il-pajjiż fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A).
- (36) L-RRP tal-Polonja mistenni jkollu impatt dejjiemi f'ħafna oqsma ta' politika kif ukoll fuq l-amministrazzjoni pubblika u l-istituzzjonijiet. B'mod partikolari, riforma ambizzjuża biex jitnaqqas il-piż amministrattiv u regolatorju, riforma tal-ippjanar spazjali, u riformi biex titjeb il-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet billi jizjed ir-rwol tal-valutazzjonijiet tal-impatt u billi jiġi żgurat involviment aħjar tal-partijiet ikkonċernati fil-proċess tat-tfassil tal-politika u tal-liġijiet mistennija li jkollhom impatt dejjiemi fuq il-kwalità tal-amministrazzjoni pubblika. Barra minn hekk, ir-riformi li għandhom l-għan li jgħallu qafas regolatorju għall-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari parks eoliċi fuq l-art u lil hinn mill-kosta, mistennija jkollhom impatt dejjiemi fuq id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija Pollakka. Ir-riformi fil-kura tas-saħħa mistennija jtejbu l-effettività u l-effiċjenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa u jtejbu l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa. Ir-riformi fis-suq tax-xogħol huma mistennija li jżidu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, iżidu l-protezzjoni soċjali u jnaqqsu s-segmentazzjoni. Ir-riformi biex titjeb il-koordinazzjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, tal-edukazzjoni għolja u t-tagħlim tul il-ħajja huma mistennija jkollhom effett dejjiemi fuq ir-rilevanza tal-ħiliet għas-suq tax-xogħol u fuq l-għoti ta' opportunitajiet biex il-ħaddiema jaġġustaw għat-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol.

- (37) Bosta investimenti huma mistennija li jappoġġaw u jsaħħu l-impatt tar-riformi fl-RRP tal-Polonja. Investimenti mdaqqsqa fl-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari parks eoliċi lil hinn mill-kosta bl-infrastruttura ta' akkumpanjament, u fit-trasport sostenibbli (bħal investimenti fil-mobbiltà b'emissjonijiet zero, mobbiltà urbana sostenibbli u ferroviji għall-promozzjoni ta' bidla modali) mistennija jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija Pollakka. L-investimenti fil-modernizzazzjoni u r-rinnovazzjoni termali fuq skala kbira mistennija jgħinu biex itejbu l-kwalità tal-arja u jtaffu l-faqar enerġetiku, b'kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ġusta u għall-iżgurar ta' standard tal-għajxien oġhla. It-titjib tal-aċċess għall-internet broadband fiż-żoni rurali u l-investimenti fiċ-ċibersigurtà u fil-ħiliet diġitali mistennija jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni diġitali. Programm ambizzjuż kontra l-ismogg u investimenti fit-trasport sostenibbli mistennija jippermettu li tinkiseb kwalità tal-arja mtejba, b'impatt dejjiemi fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja. Ir-riformi fil-kura tas-saħħa huma appoġġati minn investimenti fl-isptarijiet u faċilitajiet oħra ta' kura. L-investimenti fiċ-ċentri tal-ħiliet settorjali għandhom il-potenzjal li jiksbu impatt dejjiemi fir-rigward tal-aspett tar-rilevanza tal-ħiliet għas-suq tax-xogħol.
- (38) L-impatt fit-tul tal-RRP tal-Polonja jista' jissaħħaħ ukoll permezz ta' sinerġiji bejn l-RRP u programmi oħra, inklużi daww iġfinanzjati mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati b'mod sostantiv l-isfidi territorjali u jiġi promoss żvilupp ibbilanċjat.

Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (39) F'konformità mal-Artikolu 19(3), punt (h), u l-kriterju 2.8 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP tal-Polonja huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inkluż l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.

(40) L-RRP tal-Polonja jinkludi stadji importanti u miri marbuta ma' riformi u investimenti assoċjati mat-talba għal appoġġ mhux ripagabbli u mar-riformi u l-investimenti addizzjonali assoċjati mat-talba għal self. L-istadji importanti u l-miri huma ċari u realistiċi, u l-indikaturi proposti huma rilevanti, aċċettabbli u robusti. L-istadji importanti u l-miri huma rilevanti wkoll għal miżuri diġà kompluti li huma eliġibbli skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. L-ilħuq sodisfaċenti ta' dawk l-istadji importanti u l-miri maż-żmien huwa meħtieġ sabiex jiġġustifika talba għall-iżborż. Il-Polonja għandha sistema ta' implimentazzjoni komprensiva. Il-Ministeru għall-Fondi u l-Politika Reġjonali, bħala l-korp ċentrali ta' koordinazzjoni għall-RRP u l-implimentazzjoni tiegħu, huwa responsabbli għall-koordinazzjoni, għall-monitoraġġ u għar-rapportar kumplessiv u huwa l-punt uniku ta' kuntatt għall-Kummissjoni. Dak il-korp huwa responsabbli wkoll għat-tnejn tat-talbiet għall-ħlas rilevanti, għad-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni u għas-sommarji tal-awditi. L-awditi se jitwettqu mill-Amministrazzjoni Nazzjonali tad-Dħul u b'mod partikolari mid-Dipartiment tal-Awditjar tal-Fondi Pubbliċi fil-Ministeru għall-Finanzi u mis-16-il uffiċċju tal-amministrazzjoni tat-taxxa (uffiċċji reġjonali) ġewwa l-Polonja. Il-ministeri individwali, l-awtoritajiet tal-gvern ċentrali u entitajiet oħra b'mandat mill-ministeri kompetenti se jkunu responsabbli għall-implimentazzjoni tar-riformi u tal-investimenti skont l-RRP. Il-Polonja se tuża sistema ta' repożitorju għall-monitoraġġ u għall-kontroll tal-RRP kif ukoll għall-ġbir, għall-ħżin u l-iżgurar tal-aċċess għad-*data* f'konformità mal-Artikolu 22(2), punt (d), tar-Regolament (UE) 2021/241.

- (41) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju taħt il-Faċilità jiġi kkomunikat u rikonoxxut f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2021/241. L-appoġġ tekniku jista' jintalab taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ sabiex jassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-RRPs tagħhom.

Estimi tal-kostijiet

- (42) F'konformità mal-Artikolu 19(3), punt (i), u l-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP tal-Polonja dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP hija sa ċertu punt medju (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (43) Il-Polonja pprovdiet estimi tal-kost għat-tipi kollha ta' miżuri taħt l-RRP tagħha li jinvolvu kost. B'mod ġenerali, il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet użati biex isiru l-estimi tal-kost huma ċari u jinftiehem, u spiss huma bbażati fuq proġetti preċedenti ffinanzjati mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni. F'xi każijiet, id-dettalji dwar il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet użati biex isiru l-estimi tal-kostijiet huma limitati, u dan ifixkel valutazzjoni pożittiva sħiħa tal-estimi tal-kostijiet. Il-Polonja pprovdiet ukoll dokumentazzjoni ta' sostenn dettaljata għall-parti l-kbira tat-tipi ta' interventi għas-sostenn tal-ġustifikazzjoni u tal-evidenza tal-estimi tal-kost. Il-Polonja pprovdiet informazzjoni u assigurazzjoni suffiċjenti biex tiżgura li l-kostijiet tal-RRP tagħha ma jkunux koperti minn finanzjament ieħor tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u huwa proporzjonat mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (44) F'konformità mal-Artikolu 19(3), punt (j), u mal-Anness V, il-kriterju 2.10, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP tal-Polonja u l-miżuri addizzjonali li jinsabu f'din id-Deċiżjoni huma adegwati (Klassifikazzjoni A) sabiex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jużaw il-fondi pprovduti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija li jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħrajn tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħra għall-promozzjoni u l-infurzar tal-konformità mal-liġi tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1).

(45) F'konformità mal-Artikolu 20(5), punt (e) tar-Regolament (UE) 2021/241, l-istadji importanti marbuta mal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu stabbiliti biex tkun żgurata l-konformità mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament. L-issodisfar sodisfaċenti ta' dawk l-istadji importanti huwa mistenni li jiggarantixxi l-adegwatezza tas-sistema ta' kontroll intern, f'konformità mal-Artikolu 19(3), punt (j) tar-Regolament (UE) 2021/241. Filwaqt li jitqies li l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva hija prerekwiżit għall-funzjonament tas-sistema ta' kontroll intern, qed jiġu stabbiliti stadji importanti għal riforma li ssaħħaħ l-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati, riforma biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni tal-imħallfin milqutin b'deċiżjonijiet tal-Awla Dixinlinari tal-Qorti Suprema f'kawżi dixinlinari u kawżi ta' immunità ġudizzjarja, bil-ħsieb li jerġgħu jiddaħħlu wara proċedimenti pożittivi ta' sħarriġ mill-Awla l-ġdida, li jridu jitwettqu mingħajr dewmien, u riforma li tiżgura awditu u kontroll effettiv tal-RRP tal-Polonja, inkluża l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. B'kont meħud li dawn l-istadji importanti jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll fuq il-bażi tal-Artikolu 20(5), punt (e) tar-Regolament (UE) 2021/241 biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-istabbiliment ta' sistema ta' kontroll adegwata qabel ma jiġi awtorizzat kwalunkwe ħlas taħt il-Faċilità mill-Kummissjoni, jenħtieġ li l-Polonja tissodisfa dawk l-istadji importanti qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-ħlas u ma jista' jsir l-ebda ħlas mill-Faċilità qabel ma jiġu ssodisfati. Dak ir-rekwiżit huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Polonja li tikkonforma f'kull ħin mal-obbligi tagħha taħt il-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 19(1) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea (TUE), kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li jikkostitwixxi komponent ewlieni tal-acquis tal-Unjoni.

- (46) Sabiex jissaħħu l-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati u tal-imħallfin stabbiliti bil-liġi f'konformità mal-Artikolu 19 TUE, il-kawżi dixxiplinari kollha relatati mal-imħallfin jenħtieġ li jiġu ttrasferiti mill-Awla Dixxiplinari attwali tal-Qorti Suprema Pollakka għal awla oħra tal-istess Qorti li tissodisfa r-rekwiżiti ta' indipendenza, imparzjalità u ta' stabbiliment skont il-liġi, kif stabbilit fl-Artikolu 19(1) TUE. Dan ifisser, fost l-oħrajn, li l-kompożizzjoni personali tal-awla l-ġdida jenħtieġ li tkun differenti b'mod sinifikanti mill-kompożizzjoni tal-Awla Dixxiplinari.

- (47) Sabiex jiġi żgurat li l-qrati u l-imħallfin ikunu imparzjali u indipendenti u stabbiliti bil-liġi, f'konformità mal-Artikolu 19 TUE, kull imħallef, wara t-talba ta' parti f'kawża jew fuq mozzjoni tiegħu stess, jenħtieġ li jkun jista' jniedi verifika dwar jekk qorti tissodisfax ir-rekwiżiti ta' indipendenza, imparzjalità u li tkun stabbilita bil-liġi, u tali verifika jenħtieġ li ma tiġix ikklassifikata bħala reat dixxiplinari. Għalhekk, meta titqajjem kwistjoni bħal din f'kawża konkreta, jenħtieġ li mħallef la jkun soġġett għal proċediment dixxiplinari u lanqas ma titneħħielu l-immunità talli jkun evalwa l-konformità ma' daww ir-rekwiżiti, inkluż billi jitqiesu ċ-ċirkostanzi li fihom tkun saret il-ħatra ta' mħallef ieħor. L-ebda dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali ma għandha timmina dak il-prinċipju.
- (48) Għall-istess għan, jenħtieġ li d-deżinjazzjoni diskrezzjonali tal-qrati dixxiplinari kompetenti għal kawżi li jikkonċernaw l-imħallfin tkun ċirkoskritta, fuq il-bażi ta' kriterji objettivi.
- (49) Il-valutazzjoni tar-riforma tal-ġudikatura hija bbażata biss fuq id-deskrizzjoni tal-miżura fl-RRP tal-Polonja u ma tiddependi fuq l-ebda proposta leġislattiva li hija soġġetta għal proċeduri leġislattivi fil-Polonja. Għaldaqstant, il-ksib sodisfaċenti tal-istadji importanti ta' din id-Deċiżjoni jenħtieġ li jiġi vvalutat abbażi tal-liġi fis-seħħ fid-data tal-preżentazzjoni tal-ewwel talba għal ħlas.

- (50) Din id-Deċiżjoni, li tapprova l-valutazzjoni pożittiva tal-RRP tal-Polonja mill-Kummissjoni, b'mod partikolari dwar l-istadji importanti korrispondenti dwar ir-riforma tal-ġudikatura, hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċediment ta' ksur li għaddejjin u futuri u, b'mod aktar ġenerali, għall-obbligu tal-Polonja li tikkonforma mal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari mas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.
- (51) Il-Polonja indikat li għall-finijiet tal-Faċilità se tintuża s-sistema ta' informazzjoni għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. Jenħtieġ li stadju importanti speċifiku jiżgura li s-sistema ta' informazzjoni għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRP tiġi stabbilita u tkun operazzjonali sal-ewwel talba għall-ħlas. F'konformità mal-Artikolu 20(5), punt (e) tar-Regolament (UE) 2021/241, jenħtieġ li l-Polonja timplimenta dik il-miżura sabiex tikkonforma mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament u tikkonferma l-istatus tal-implimentazzjoni tiegħu mal-ewwel talba għall-ħlas permezz ta' rapport tal-awditjar apposta. Jenħtieġ li s-sistema tiżgura, bħala minimu, il-funzjonalitajiet li ġejjin: (a) il-ġbir tad-*data* u l-monitoraġġ tal-ilħuq tal-oġġettivi intermedji u tal-miri; u (b) il-ġbir ta', il-ħażna ta' u l-aċċess għad-*data* meħtieġa mill-Artikolu 22(2), punt (d)(i) sa (iii), tar-Regolament (UE) 2021/241, skont l-Artikolu 22(2), punt (e) tiegħu. Minbarra dan, jenħtieġ li s-sistema tipprovdi d-*data* kollha meħtieġa għall-użu tal-ġhodda ta' kejl tar-riskju u tal-estrazzjoni tad-*data*, Arachne, mill-awtoritajiet Pollakki għall-awditi u l-kontrolli tal-RRP.

- (52) Is-sistema għall-implimentazzjoni tal-RRP fil-Polonja hija deskritta b' mod xieraq. Hija ddisinjata b' mod koerenti u hija bbażata fuq proċessi u strutturi robusti, biex ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi għall-kontrolli u għall-awditi jkunu ċari, il-funzjonijiet ta' kontroll rilevanti huma segregati b' mod xieraq u l-indipendenza tal-atturi li jwettqu l-awditi hija żgurata. Jenħtieġ li l-korp ta' koordinazzjoni ċentrali għall-implimentazzjoni tal-RRP tal-Polonja ikun il-Ministeru għall-Fondi u l-Politika Reġjonali. Il-ministeri individwali, l-awtoritajiet tal-gvern ċentrali u entitajiet oħra b' mandat mill-ministeri kompetenti se jkunu responsabbli għall-implimentazzjoni tar-riformi u tal-investimenti skont l-RRP u jenħtieġ li l-awditi jitwettqu mill-korp tal-awditjar nazzjonali. Il-verifiki ta' ġestjoni jitwettqu mill-istituzzjoni responsabbli għall-implimentazzjoni ta' kull miżura.
- (53) Jenħtieġ li jiġu implimentati miżuri speċifiċi biex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli relatati mal-akkwist pubbliku, u għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. L-Amministrazzjoni Nazzjonali tad-Dħul jenħtieġ li twettaq awditi ta' kull sena. Madankollu, il-frekwenza tal-awditi tiddependi mill-frekwenza tat-talbiet għal ħlas, f'konformità mal-istrateġija tal-awditjar. Jenħtieġ li l-awditi jkopru s-sistema stabbilita għar-rappurtar dwar l-istadji importanti u l-miri, is-sistema ta' informazzjoni għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRF u awditi tal-operazzjonijiet, inklużi l-kundizzjonijiet għal ġestjoni finanzjarja tajba.

Koerenza tal-RRP

- (54) F'konformità mal-Artikolu 19(3), punt (k) u l-Kriterju 2.11 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP tal-Polonja jinkludi fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.

(55) B'rabta mal-oqsma ta' prijorità identifikati fl-RRP tal-Polonja hemm riformi u investimenti u, fuq din il-bażi, dawn ġew strutturati f'sitt komponenti komplementari tal-RRP. L-għan ġenerali tal-RRP huwa li tizzied il-produttività tal-ekonomija Pollakka bis-saħħa ta' aktar investiment, ambjent tan-negozju mtejjeb, trasformazzjoni diġitali, tranżizzjoni tal-enerġija u mobbiltà intelliġenti nadifa, u b'żieda fil-provvista ta' hađdiema u fil-kapital soċjali fuq il-bażi tal-kwalità tal-edukazzjoni u l-ħiliet. L-RRP iwieġeb b'mod komprensiv għall-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, kif ukoll għal għadd ta' dgħufijiet strutturali tal-ekonomija Pollakka. B'mod partikolari, fil-qasam tal-produzzjoni tal-enerġija nadifa, tat-trasport sostenibbli u tad-diġitalizzazzjoni, ir-riformi u l-investimenti juru livell għoli ta' sinerġiji u komplementarjetà, pereżempju permezz ta' riformi li jappoġġaw l-iżvilupp ta' parks eoliċi fuq l-art u lil hinn mill-kosta u l-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju kif ukoll il-promozzjoni tal-mobbiltà urbana sostenibbli u s-sikurezza fit-toroq. L-istess japplika, sa ċertu punt, għar-riformi u l-investimenti fis-suq tax-xoġhol u fl-edukazzjoni, li mistennjin iżidu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xoġhol u jimmodernizzaw l-edukazzjoni u t-taħriġ. Uħud mir-riformi mistennjin ikollhom impatt trasversali fuq il-kwalità u l-effettività tal-leġislazzjoni fl-oqsma kollha, bħal riformi fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet. Il-komplementarjetajiet mal-appoġġ taħt il-fondi tal-politika ta' koeżjoni huma ppreżentati fil-komponenti tal-RRP u miġbura fil-qosor fih.

Ugwaljanza

- (56) L-RRP tal-Polonja jiddeskrivi l-impatti tal-kriżi tal-COVID-19 u l-isfidi relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. L-RRP fih miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, bħalma huma miżuri li għandhom l-għan li jżidu l-kwalità u d-disponibbiltà tal-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal biex tkun faċilitata l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tan-nisa. Il-Polonja tirrimarka li sar eżami minn qabel ta' proġetti differenti fuq il-bażi ta' kriterji tal-ugwaljanza u li ċerti proġetti li ma kinux jissodisfaw il-kriterji ta' aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità jew li b'xi mod ieħor ma kinux konformi mal-prinċipji tal-ugwaljanza ma ġewx inklużi fl-RRP. Il-Polonja tirrimarka wkoll li għandu jkun mistenni li jiġi żgurat li l-prinċipji tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u tal-opportunitajiet indaqs għal kulħadd għandhom jitqiesu f'kull stadju tal-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-RRP. Fl-aħħar nett, il-kumitat ta' monitoraġġ inkarigat mill-monitoraġġ tal-implimentazzjoni effettiva tal-RRP se jinkludi b'mod partikolari rappreżentanti mill-korpi li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili u li jippromwovu d-drittijiet fundamentali u n-nondiskriminazzjoni.

Awtovalutazzjoni tas-sigurtà

- (57) Ma ġietx ipprovduta awtoevalwazzjoni tas-sigurtà peress li ma tqisitx xierqa mill-Polonja, f'konformità mal-Artikolu 18(4), punt (g), tar-Regolament (UE) 2021/241.

Proġetti transfruntieri u li jinvolvu aktar minn pajjiż wieħed

- (58) Il-Polonja qed tippjana proġett transfruntier jew multinazzjonali fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni. Speċifikament, fil-qafas tal-Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (Important Projects of Common European Interest), qed tippjana li tappoġġa investimenti permezz tal-proġett tal-Infrastruttura u s-Servizzi tal-Infrastruttura u s-Servizzi tal-Cloud tal-ġenerazzjoni li jmiss.

Proċess ta' konsultazzjoni

- (59) Il-Polonja wettqet konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati permezz ta' pjattaformi differenti qabel is-sottomissjoni tal-RRP tagħha. Il-konsultazzjoni pubblika tal-RRP tnediet fis-26 ta' Frar 2021 u damet sat-2 ta' April 2021. B'kolloxx saru 5 275 kontribuzzjoni permezz ta' formola apposta fuq is-sit web tal-gvern. Minbarra dan, tressqu kummenti fost l-oħrajn waqt tliet dibattiti organizzati mill-gvern u ħames seduti pubbliċi mmexxija mill-imsieħba soċjali. L-RRP ġie diskuss ukoll mill-Kummissjoni Konġunta tal-Gvern u l-Gvern Lokali (*Komisja Wspólna Rządu i Samorządu Terytorialnego*) u l-Kunsill tad-Djalogu Soċjali. B'riżultat tal-konsultazzjonijiet saru bidliet fil-komponenti kollha tal-RRP.
- (60) Sabiex tiġi żgurata s-sjieda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha inkwistjoni, inklużi s-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP. Fi stadju importanti minnhom, il-Polonja timpenja ruħha li toħloq kumitat ta' monitoraġġ bil-kompitu li jissorvelja l-implimentazzjoni tal-miżuri skont l-RRP, li jkun magħmul minn sħab soċjali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra.

Valutazzjoni pożittiva

- (61) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP tal-Polonja bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tistabbilixxi r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont magħmul disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP fil-forma ta' appoġġ finanzjarju u tas-self mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (62) Il-kost totali stmat tal-RRP tal-Polonja huwa PLN 160 967 579 300, li huwa ugwali għal EUR 35 363 500 000 abbażi tar-rata ta' referenza tal-BĊE ta' EUR PLN tat-3 ta' Mejju 2021. Billi l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241 u, barra minn hekk, billi l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP huwa oġhla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għall-Polonja, il-kontribuzzjoni finanzjarja allokata għall-RRP tal-Polonja jenħtieġ li tkun daqs l-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Polonja.

- (63) F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Polonja jrid jiġi aġġornat sat-30 ta' Ġunju 2022. Għaldaqstant, f'konformità mal-Artikolu 23(1) ta' dak ir-Regolament, għall-Polonja jenħtieġ li jkun disponibbli ammont li ma jaqbiżx il-kontribuzzjoni finanzjarja massima msemmija fl-Artikolu 11(1), punt (a) ta' dak ir-Regolament bħala impenn legali sal-31 ta' Diċembru 2022. Fejn ikun meħtieġ wara l-aġġornament tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jenħtieġ li jemenda din id-Deċiżjoni sabiex jinkludi l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata, ikkalkolata f'konformità mal-Artikolu 11(2) ta' dak ir-Regolament, mingħajr dewmien żejjed.
- (64) Barra minn hekk, sabiex jiġu appoġġati riformi u investimenti addizzjonali, il-Polonja talbet għal appoġġ fil-forma ta' self. Il-volum massimu tas-self mitlub mill-Polonja huwa inqas minn 6,8 % tal-introjtu nazzjonali gross tal-2019 tagħha fi prezzijiet attwali. L-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja kkombinata disponibbli għall-Polonja u l-appoġġ mitlub fil-forma ta' self.
- (65) L-appoġġ li jrid jiġi pprovdut irid jiġi ffinanzjat mis-self mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni abbażi tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053¹. L-appoġġ jenħtieġ li jitħallas fi ħlasijiet parzjali ladarba l-Polonja tkun issodisfat b' mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP tagħha.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

- (66) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-għoti ta' fondi tal-Unjoni skont kull programm ieħor tal-Unjoni ħlief il-Faċilità jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Din ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 ta' dak it-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP tal-Polonja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti u l-istadji importanti u l-miri addizzjonali relatati mal-ħlas tas-self, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2
Kontribuzzjoni finanzjarja

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Polonja kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura li jammonta għal EUR 23 851 681 924¹. Ammont ta' EUR 20 270 784 381 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022. Jekk l-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 jirriżulta f'kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għall-Polonja li hija ugwali għal EUR 23 851 681 924 jew aktar minn hekk, għandu jkun disponibbli ammont addizzjonali ta' EUR 3 580 897 543 biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023. Jekk l-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 jirriżulta f'kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għall-Polonja li tkun inqas minn EUR 23 851 681 924, id-differenza bejn il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata u l-ammont ta' EUR 20 270 784 381 għandha tkun disponibbli biex tiġi impenjata legalment f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20(8) tar-Regolament (UE) 2021/241 mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.

¹ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokkazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Polonja tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni disponibbli għall-Polonja fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-ħlasijiet parzjali f'segment wieħed jew f'diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.
3. Ir-rilaxx tal-ħlasijiet parzjali f'konformità mal-ftehim previst fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għandu jkun kundizzjonali fuq il-finanzjament disponibbli u fuq deċiżjoni mill-Kummissjoni, meħuda f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241, li l-Polonja tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP. Sabiex tkun eliġibbli għall-ħlas, il-Polonja għandha tlesti l-istadji importanti u l-miri sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026, soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-impenji legali msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 3

Appoġġ fil-forma ta' self

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Polonja self li jammonta għal massimu ta' EUR 11 506 500 000.
2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-appoġġ fil-forma ta' self disponibbli għall-Polonja fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-ħlasijiet parzjali f'segment wieħed jew f'diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.

3. Ir-rilaxx tal-ħlasijiet parzjali f'konformità mal-ftehim ta' self previst fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 għandu jkun kundizzjonali fuq il-finanzjament disponibbli u fuq deċiżjoni mill-Kummissjoni, meħuda f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241, li l-Polonja tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri addizzjonali koperti bis-self u identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP. Sabiex tkun eliġibbli għall-ħlas, il-Polonja għandha tlesti l-istadji importanti u l-miri addizzjonali sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026.

Artikolu 4

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
